MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2013

Rikors Ta Revoka Numru. 91/2013

**Rita Vella**

**vs**

**Michael Vella**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikorsipprezentat fl-10 ta’ Mejju 2013.
Rat id-Digriet taghha tal-10 ta' Mejju 2013, fejn il-Qorti ordnat in-notifika tal-istess rikors lill-kontro-parti b'erbat ijiem zmien ghar-risposta.

Rat-ir-rikors ulterjuri ta’ Michael Vella tas-16 ta’ Mejju 2013;

Rat id-Digriet taghha tas-16 ta’ Mejju 2012 fejn irrevokat u hassret *contrario imperio* d-Digriet taghha tal-15 ta’ Mejju 2013 u ssospendiet l-effetti ta’ l-ezekuzzjoni tal-Mandat ta’ Zgumbrament *de quo*, ordnat in-notifika tar-rikors tal-10 ta’ Mejju 2013 lill-kontro-parti b'erbat ijiem zmien ghar-risposta u appuntat ir-rikors tal-10 ta’ Mejju 2013 ghas-smigh ghat-18 ta’ Gunju 2013.

Rat ir-risposta ta’ l-intimata ipprezentata fis-17 ta’ Gunju 2013;

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta’ Gunju 2013.

Rat l-atti u semghet lid-difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Bil-proceduri odjerni, ir-rikorrent qed jitlob ir-revoka ta’ Mandat ta’ Zgumbrament mahrug fit-3 ta’ Mejju 2013 fl-ismijiet **“Rita Vella vs Michael Vella”** (Mandat Numru 106/13) u dan a tenur tal-**Artikolu 281 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

Ir-rikorrent isostni li l-mandat ta’ zgumbrament inhareg a bazi ta’ sentenza fl-ismijiet ***“Rita Vella v Michael Vella”*** deciza mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta’ Novembru 2012 li permezz taghha, il-fond “*Croyden”,* Government Housing Estate, Birzebbugia, gie assenjat lill-Rita Vella.

Il-bazi tal-lanjanza tieghu hija msejsa fuq is-segwenti konsiderazzjonijiet:-

i. Kull Mandat ezekuttiv jista’ jinhareg biss in ezekuzzjoni ta’ <u>ordni car u specifiku</u> fid-decizjoni li tinghata mill-Qorti.

ii. Il-partijiet ikkonkludew kuntratt ta’ divizjoni u assenjazzjoni in forza tas-sentenza citata u f’dan il-kuntratt hemm stipulat li l-kondizzjonijiet naxxenti mill-kuntratt ta’ enfitewsi perpetwa tal-fond assenjat lill-intimata "*<u>ghandhom jibqghu jigu osservati in toto mill-fuq imsemmi Michael Vella."</u>*

**Konsiderazzjonijiet**

Illi l-partijiet kienu sseparaw legalment permezz tas-sentenza fuq citata, skont liema, il-fond "Croyden", 55, Government Housing Estate, fi Triq il-Port Hieles, Birzebbugia, giet assenjata lil Rita Borg, filwaqt li r-rikorrent odjern gie assenjat il-fond ukoll bl-isem “Croyden” fi Triq San Edwardu Birzebbugia, bl-avvjament tieghu u porzjoni art, kif ukoll somma in ekwiparazzjoni *stante* sparigg fil-valuri assenjati.

Ikkonsidrat li l-fond mertu tar-rikors odjern kienet id-dar matrimonjali bejn il-partijiet.

Illi il-Qorti ezaminat l-atti tas-sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) u dik moghtija mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell, (din ta’ l-ahhar deciza fid-9 ta’ Novembru 2012), li jirregolaw l-istat bejn il-partijiet u s-separazzjoni taghhom, u jirrizulta li ma kien hemm ebda talba *ut sic* ghall-provvediment dwar id-dar matrimonjali, u lanqas ordni li specifikatament tordna lir-ragel, ir-rikorrent odjern, biex jivvaka id-dar.

L-**artikolu 55A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta** jiddisponi li “*Meta taghti sentenza tal-firda, il-qorti ghandha, fuq it-talba ta’ xi wahda mill-partijiet, tordna skont ic-cirkostanzi: (inter alia) a) li xi parti minnhom ghandha toqghod fid-dar taz-zwieg ad eskluzjoni tal-parti l-ohra....”*

L-intimata tghid li bl-assenjazzjoni tal-fond lilha, Michael Vella m’ghandu ebda titlu fuq l-immobbli ghaliex li kieku l-Qorti riedet tissoggetta l-assenjazzjoni ghal dritt reali, kienet tipprovdi *esprezsis verbis.*

Rigward dak stipulat fil-kuntratt ta’ divizjoni, tghid li deher il-kuratur fuq l-att. Dwar dan il-punt jidher li l-obbligu impost fl-att ta’ divizjoni tal-osservar tal-pattijiet naxxenti mill-att kostituttiv tal-enfitewsi, ma kien imkien ikkontemplat mill-Qorti u m’ghandhiex titqies determinanti.

**Ikkonsidrat** li l-mandat inhareg abbazi tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell (368/06 App) fid-9 ta' Novembru 2012 fejn "*id-dar matrimonjali giet assenjata lil Rita Vella, flimkien mal-kuntratt relattiv...*"

Ikkonsidrat ukoll li Mandat ezekuttiv jinhareg *inter alia* in ezekuzzjoni ta' sentenza moghtija mill-Qrati li tkun ghaddiet in gudikat bhala mezz biex irendi dik is-sentenza ezegwibbli fil-prattika.

Il-Qorti fliet is-sentenzi moghtija mill-Qrati fiz-zewg istanzi tal-kawza tal-firda, u minn dan jirrizulta s-segwenti osservazzjonijiet:

1. Li l-fondi in divizjoni li gew assenjati lill-partijiet rispettivament gew stmati *ai fini* tad-divizjoni w assenjazzjoni.

2. Li d-dar matrimonjali giet stmata b'valur bhala fond vakanti;

3. Li abbazi ta' din l-istima, nharget somma in ekwiparazzjoni dovuta lir-rikorrent odjern, li, *inoltre,* gie assenjat in-negozju avvjat u ghalqa;

4. Li fil-konsiderazzjonijiet taghha, il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) hasset il-htiega li "*filwaqt li tapprezza li ser ikun difficli ghall-partijiet biex jibdew hajjithom mill-gdid, tkun kif tkun il-qasma, jidhrilha li (l-assenjazzjoni tad-dar) ikun ahjar milli tordna il-bejgh in subbasta tad-dar ghaliex b'hekk l-attrici tkun tista' tbiegh id-dar fuq is-suq liberu" .... "Il Qorti tifhem li dan jista' jissarraf fi problema ghall-kovenut izda billi ser jigi assenjat il-hanut u l-ghalqa, il-Qorti jidhrilha li jkun jista' jibqa' jahdem fil-hanut u jkollu kapital li ghalkemm zghir, (ir-rikavat li jista' ikollu mill-bejgh tal-ghalqa) bih ikun jista' jakkwista post fejn jogghod" (*enfasi ta' din il-Qorti).

Illi din il-Qorti tqis li din is-sitwazzjoni mhi xejn felici peress li kien ikun ahjar li kieku l-Qorti sarrfet il-hsibijiet cari taghha f'ordni *ad hoc*. Madanakollu, din il-vertenza qed

tigi ventilata fi proceduri tal-familja u tirraprezenta l-ahhar stadju wara snin ta' litigji li farrku familja.

Fid-dawl tal-premess, il-Qorti hija soddisfatta li mir-*razio* segwit mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fis-sentenza taghha succitata, liema sentenza giet ikkonfermata f'dak li jirrigwarda l-assenjazzjoni u divizjoni mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, jista' jigi dedott minghajr dubbju li d-dar gja matrimonjali giet assenjata lill-intimata bhala liberu u frank u bil-pussess vakanti. Il-Qorti uriet bic-car li kienet qed tistenna li l-intimat isib akkomodazzjoni ohra (*vide* l-bran fuq citat).

Inoltre, meta il-kontraenti ressqu ghall-att ta' divizjoni, kienu qed jiffirmawh bhala komproprjetarji ugwali sabiex jaghtu ezekuzzjoni ghad-divizjoni ordnata. Bejn komproprjetarji, isegwi li l-imposizzjoni ta' jedd ta' uzu u abitazzjoni ghandha tkun imfissra espressament in kwantu li torbot lill-kontraent li qed jigi assenjat dik il-proprjeta`.

**Decide**

Il-Qorti ghal dawn il-motivi hija tal-fehma li t-talba odjerna mhiex gustifikata skont il-Ligi.

Ghaldaqstant **Tichad** it-talba.

Minhabba in-natura partikolari tal-vertenza tordna li l-ispejjez tal-Mandat jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Degretat.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------